MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 415/2004

**Shaun Mizzi i.d.no.359292(M)**

**vs**

**Gordon Delia i.d.no.197775(M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm288.86) rapprezentanti hsarat li saru mill-konvenut fuq il-karrozza Opel Astra proprjeta` ta' l-attur bin-numru ta'; registrazzjoni XON-577 fil-5 ta' Dicembru, 2003 fi Triq il-Fieres, Kirkop;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru numru 284/04.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Gordon Delia prezentata fid-9 ta' Marzu, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-konvenut ma kkaguna l-ebda hsara fuq il-vettura proprjeta` tal-attur ;**
**ii. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur ;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ghall-ammont imsemmi hija esagerata ;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Shaun Mizzi, Carmel Saliba, Clayton Polidano, PS 249 Angelo Curmi, u Jason Psaila. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur isostitwixxa din il-kawza ghal danni li sofra meta l-konvenut allegatament tefa fliexken fid-direzzjoni tal-vettura ta’ l-istess attur li hi Opel Astra bin-numru ta’ registrazzjoni XON-577 fi Triq il-Fieres, Kirkop.**

**2. Jirrizulta mix-xhieda mismugha li fil-5 ta’ Dicembru, 2003, ghall-habta tas-7am, il-konvenut kien involut f’incident ma’ certu Carmel Saliba, u allegatament hebb ghall-istess Saliba. Minhabba f’hekk in-nies bdew jaghjtu mieghu. Jirrizulta li l-konvenut qabad kaxxa bil-fliexken u beda jitfa’ l-fliexken.**

**3. Gara illi waqt li qed jigri dan kollu, u quddiem ghajnejn l-attur, li kien qed ihares mill-gallarija, flixkun baqa’ sejjer dritt ghal fuq il-karrozza tal-attur u kissirlu l-hgiega ta’ wara. Jirrizulta li minhabba dawn il-fliexken il-vettura tal-attur garrbet ukoll hsarat fil-bumper u fil-fanal ta’ wara.**

**4. Ir-ritratti Dok.A1 sa A3 juru l-hsarat fil-vettura tal-attur.**

**5. Ghandu jinghad li mhux l-attur biss ra lill-konvenut jitfa’ l-flixkun, izda rah ukoll Carmel Saliba u Clayton Polidano. Id-danni riportati fil-vettura tal-attur jinsabu konfermati fir-rapport tal-pulizija.**

**6. Carmel Saliba jikkonferma li flixkun minnhom kisser il-hgiega ta’ wara u iehor kisser il-fanal.**

**7. Bhala kwantum, id-danni li sofra l-attur gew konfermati mix-xhieda ta’ Jason Psaila li effettwa r-riparazzjonijiet kif ukoll mir-ricevuti Dok.SM1 sa SM4, u dana fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm288.86) rapprezentanti hsarat li saru mill-konvenut fuq il-karrozza Opel Astra propjeta` ta’ l-attur bin-numru ta’ registrazzjoni XON-577, u dana bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Frar, 2004.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 284/04, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------